MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 140/2006

Il-Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino
U martu Jane Vella Baldacchino .

vs

Coronato Pace

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

Illi l-atturi huma sidien ta’ porzjon art magħrufa bħala “Tal-Andar Ix-Xagħri” sive “Ta’ Dandalona”, fil-limiti tal-Qala, Għawdex, tal-kejl ta’ ċirka elf erba’ mija u ħamsa u erbgħin metri kwadri (1,445m.k.), konfinanti mit-Tramuntana ma’ beni tal-familja Buttigieg, Nofsinhar ma’ beni tal-familja Curmi, u Lvant ma’ beni tal-konvenut, liema għalqa hija aċċessibbli minn sqaq u mogħdija fuq in-

naħa tal-Punent, u li għandu d-daħla tiegħu minn Triq il-Wileġ, Qala, Għawdex;

Illi riċentement fil-jiem ta' bejn il-Gimgħa, 29 ta' Settembru u s-Sibt, 30 ta' Settembru 2006, il-konvenut klandestinament għamel struttura tal-ġebel f'din il-mogħdija u bena dura u b'hekk ostakola l-aċċess liberu tal-atturi għall-art tagħhom minn dan il-passaġġ, liema struttura tal-ġebel tidher murija aħjar fuq ir-ritratti hawn annessi u markati dokument A;

Illi minkejja li l-konvenut kien ġie nterpellat biex ineħħi kull xkiel mill-passaġġ u jwaqqa' din l-istruttura tal-ġebel u dan sar permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 2006, huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-atturi;

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. tiddikajra li tiddeċiedi li bl-aġir tiegħu l-konvenut ikkommetta spoll reċenti u privileġġat a dannu tal-atturi;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u parentorju li jiġi lilu prefiss jirrejintegra l-ispoll b'mod li l-atturi jkollhom aċċess minn tali passaġġ sabiex jgħaddu għall-għalqa tagħhom, bl-istess mod kif l-atturi kellhom in preċedenza, b'dan għalhekk li jitneħħew l-ostakoli kollha li għamel il-konvenut fl-istess passaġġ inkluż id-dura li l-konvenut illegalment bena fl-istess passaġġ;

3. f'każ li jgħaddi inutilment it-terminu hekk prefiss, tawtorizża lill-atturi jesegwixxu huma nnifishom ix-xogħol kollu neċessarju sabiex jitqiegħed kollox fl-istat pristinu tiegħu b'dan li l-atturi jkollhom aċċess liberu mill-istess passaġġ kif dejjem kellhom huma u ta' qabilhom in preċedenza, kollox a spejjeż tal-istess konvenut, occorrendo taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 2006, kontra l-konvenut;

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek;

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eċċepixxa illi:
1. Illi f'dan il-każ ma jissussistux it-tliet elementi kontemplati mil-Liġi sabiex tirnexxi kawża tal-ispoll;

2. Illi għalhekk din il-kawża għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-atturi;

3. Illi din ir-risposta qed tiġi kkonfermata mill-imsemmi Coronato Pace li għandu konoxxenxa proprja tal-fatti mertu tal-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' **spoll**. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;

L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-

Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi); …..".[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, jeħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica.*

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. II. 975 .
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .

*L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario,o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw għax il-konvenut allegatament bena dura għall-insib proprju fuq il-passaġġ li huma kienu jeżerċitaw minn fuq l-għalqa adjaċenti li tinsab f'idejn l-istess konvenut biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom li hija nterkjuża.[4]

Fir-Risposta Ġuramentata tiegħu l-konvenut iddefenda ruħu billi qal sempliċement li ma jissusistux f'dan il-każ l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din. Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża rriżulta mbagħad li l-konvenut qed jikkontendi li din id-dura ma bnihiex hu, u li fi kwalunkwe każ il-passaġġ tal-atturi għall-għalqa tagħhom ma ġiex ostakolat.

IL-PUSSESS/ DETENZJONI

Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"****possession of whatever kind****" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha*

---

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para. 271 .
[4] ara ritratti esebiti bhala Dok. A a fol. 4 tal-process u ritratt Dok. X a fol. 118 .

*qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix.*”[5]
Huwa ferm pertinenti x’jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f’dan ir-rigward:

“*Giusta la definizione, che l’articolo 685 ne da’ del possesso, questo puo’ cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali…; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l’aspetto del godimento di un diritto che si esercita. Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l’animo; cioe’ il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell’esercizio del diritto; l’animo, ossia la volonta’ del possessore di possedere per se’.*
*Questa volonta’, quest’animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall’azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l’azione di reintegrazione - : pel primo e’ necessario l’animus domini, val quanto dire la volonta’ di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l’animo nel possessore di tenere la cosa o l’esercizio del diritto per se’, independentemente da ogni pretesa sulla proprieta’ della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita.”*[6]

Din il-Qorti, għalhekk u bir-rispett kollu, ma taqbel xejn ma' dak li ntqal fis-sentenza ċitata mill-atturi stess fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom fis-sens illi: "… *biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnu ntentata biex jiġi reintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jeħtieġlu jipprova li huwa għandu l-pussess jew kważi pussess esklussiv tal-passaġġ, u mhux biżżejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ*." [7] Il-liġi tagħna tittutela kwalunkwe tip ta' pussess jew detenzjoni u ma tagħmel ebda eċċezzjoni li dan għandu jkun esklussiv jew mod ieħor. Is-sempliċi dritt ta' passaġġ huwa għalhekk tipproteġieh ukoll b'din l-azzjoni, kif wara

[5] Fenech vs Zammit gia citata .
[6] op. cit. Footnote pag. 255 - 256 .
[7] Prim'Awla 11.03.1955: Giuspepe Cassar et vs Paolo Cassar et:

kollox ġie diversi drabi konfermat anke mill-Qorti tal-Appell.[8]

Ġie ppruvat illi l-atturi sabiex jaċċedu għall-għalqa tagħhom qabel ma nbniet din id-dura kienu jidħlu minn passaġġ li jisporġi fi Triq il-Wileg, il-Qala, iduru fuq il-lemin tagħhom biex jidħlu fl-għalqa illum f'idejn il-konvenut, imbagħad jgħaddu ma' ġemb il-ħajt tan-naħa tan-nofsinhar ta' din l-għalqa sakemm jaslu sal-għalqa tagħhom fuq in-naħa tal-lvant.[9]

L-ISPOLL

L-ispoll kien jikkonsisti fil-fatt li l-atturi ġew ostakolati fid-dritt tat-tgawdija ta' dan id-dritt ta' passaġġ, bil-mod hawn fuq spjegat, meta nbniet din id-dura. Il-konvenut ipprova jaħrab mir-responsabbilta' tiegħu billi sostna li din inbniet minn terzi li jmorru jonsbu fl-għalqa li għandu f'idejh. Huwa minnu illi rriżulta li l-parti l-kbira tad-dura nbniet min-nassaba Maltin  Charles Zammit u ibnu bl-assitenza ta' ċertu Francesco Said. Imma kien il-konvenut li ta l-kunsens tiegħu lil dawn in-nies sabiex jagħmlu mansab f'din l-għalqa, u anke għenhom sabiex jibnu d-dura għal dan il-mansab fil-post fejn attwalment saret, billi kif xehdet Doris Mizzi, li tieħu ħsieb l-għalqa tal-atturi fl-assenza tagħhom minn Għawdex, u dan ma ġiex innegat mill-konvenut, kien huwa innifsu li rranġa l-parti tal-ħajt tas-sejjieħ li miegħu tistrieh din id-dura u anke poġġa l-*bricks* tal-*concrete* fuqu biex jogħla l-livell tiegħu, proprju lejliet li nbniet id-dura.[10]

Il-konvenut jikkontendi wkoll illi bid-dura b'kollox l-atturi xorta waħda jistgħu jgħaddu liberament minn fuq l-għalqa fil-pussess tiegħu biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Huwa minnu illi, kif ammetta l-attur innifsu in kontro-eżami,[11] huwa xorta waħda jirnexxilu jidħol fl-għalqa tiegħu billi jgħaddi minn parti oħra ta' din l-istess għalqa.

---

[8] ara per. ez. sentenza tas-27.01.2006 .

[9] ara xhieda tal-attur a fol. 18 - 22; kopja tal-kuntratt ta' bejgh tal-15.12.2005 li bih l-atturi akkwistaw l-ghalqa taghhom a fol. 24 -27 ; pjanta Dok. JVB 2 a fol. 28 fejn l-attur immarka b'linka blu minn fejn kien jghaddi; u affidavit ta' John Vella, il-venditur ta' l-istess ghalqa lill-atturi a fol. 61 .

[10] ara rittratti a fol. 4 u deposizzjoni ta' Doris Mizzi a fol. 33 – 37 .

[11] ara deposizzjoni tieghu a fol. 233 – 248 .

Dan pero' ma jneħħi xejn mill-fatt tal-ispoll, għaliex ġialadarba ġie ppruvat sodisfaċentement li l-atturi, qabel ma nbniet din id-dura, kienu jgħaddu minn ma' ġemb il-ħajt tal-għalqa f'idejn il-konvenut, kif fuq spjegat, huma kienu fil-pussess tad-dritt ta' passaġġ minn hemmhekk u mhux minn band'oħra, liema pussess ġie disturbat bil-bini tad-dura proprju minn fejn kienu jgħaddu l-atturi. Il-fatt tal-ispoll ġie għalhekk ippruvat ukoll.

IZ-ZMIEN

Minkejja dak li qalet Doris Mizzi fl-ewwel depożizzjoni tagħha tas-17 ta' Settembru 2007, li dan l-ispoll ratu jitwettaq fid-19 ta' Settembru 2006, il-Qorti hija sodisfatta li dan kien żball ġenwin li ġie immedjatament ikkoreġut fis-seduta sussegwenti li kienet appuntata għall-kontinwazzjoni tal-ġbir tal-provi,[12] u jinsab anke ikkorroborat bin-notamenti relattivi għal dan l-inċident redatti minnha stess *a tempo vergine* u li ġew ukoll esebiti f'din il-kawza.[13] Hemm ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' ġudikatura Kriminali li sabet lill-konvenut ħati tal-akkuża relattiva għall-istess inċident mertu tal-kawża preżenti, li tirreferi proprju għad-data tad-29 ta' Settembru 2006.[14] Il-kawża odjerna ġiet intavolata fis-27 ta' Novembru 2006, u għalhekk entro t-terminu perentorju ta' xahrejn preskritt mil-liġi.

Billi ġew sodisfatti l-elementi kollha meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara li bl-aġir tiegħu l-konvenut ikkommetta spoll reċenti u privileġġjat a dannu tal-atturi;

2. konsegwentement tikkundannah sabiex fi żmien xahar jirreintegra dan l-ispoll billi jneħħi l-istruttura tal-ġebel ossia dura li nbniet proprju fil-passaġġ fl-għalqa adjaċenti għal dik tal-atturi u li kien jiġi utilizzat minnhom biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom qabel ma ġie kommess dan l-ispoll; u

---

[12] ara deposizzjoni taghha tas-6 ta' Novembru 2007 .

[13] Dok. DM a fol. 50 .

[14] Dok. Z a fol. 56 -59

3. f'każ li jgħaddi dan iż-żmien inutilment, tawtorizża lill-atturi sabiex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa huma stess a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------